



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-12 ta' Ġunju 2019

Ir-rappurtar mill-UE dwar is-sostenibbiltà u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għadu mhuwiex biżżejjed, iwissu l-Awdituri

Skont analiżi ġdida li twettqet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, minkejja l-impenn tal-UE favur is-sostenibbiltà u l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni Ewropea ma tirrappurtax u ma timmonitorjax il-mod kif il-baġit u l-politiki tal-UE jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u għall-ilħuq tal-SDGs. L-awdituri jgħidu li l-elementi kostitwenti għal rappurtar sinifikattiv dwar is-sostenibbiltà fil-livell tal-UE għadhom fil-biċċa l-kbira mhumiex stabbiliti. Il-Kummissjoni għadha ma integratx is-sostenibbiltà fir-rappurtar dwar il-prestazzjoni, anke minħabba li ma hemmx strateġija fit-tul dwar l-iżvilupp sostenibbli sal-2030. Attwalment, hemm żewġ istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE li jippubblikaw rapport dwar is-sostenibbiltà, filwaqt li oħrajn jirrappurtaw b'mod frammentat.

Permezz tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà – magħruf ukoll bħala responsabbiltà soċjali korporattiva jew rappurtar mhux finanzjarju – organizzazzjoni tippubblika informazzjoni dwar l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-attivitajiet tagħha. Rapport dwar is-sostenibbiltà jippreżenta wkoll il-valuri u l-mudell ta' governanza tagħha, u juri r-rabta bejn l-istrateġija u l-impenn tagħha għal ekonomija globali sostenibbli.

L-UE hija impenjata favur is-sostenibbiltà u l-implimentazzjoni tal-SDGs. Il-liġi tal-UE tirrikjedi li ċerti kumpaniji kbar jirrappurtaw dwar is-sostenibbiltà, u huma qed jinkludu dejjem aktar l-SDGs fir-rapporti tagħhom. L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni hijiex eżemplari f'dak li jirrigwarda r-rappurtar dwar l-iżvilupp sostenibbli u vvalutaw jekk il-prerekwiżiti, bħal strateġija b'miri li għandhom jiġu rrappurtati, humiex stabbiliti. Huma vverifikaw ukoll jekk istituzzjonijiet oħra tal-UE jippubblikawx rapporti dwar is-sostenibbiltà.

"Iċ-ċittadini jridu u jeħtieġu informazzjoni affidabbli dwar il-mod kif l-UE tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli f'oqasma bħat-tibdil fil-klima," qalet Eva Lindström, il-Membru tal-Qorti

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-analiżi rapida dwar każ speċifiku maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-analiżi sħiħa tinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-analiżi. *“B’kont meħud tal-impenn tal-UE favur l-implimentazzjoni tal-SDGs, aħna nistennew li l-Kummissjoni tkun tista’ tirrapporta dwar ir-riżultati miksuba.”*

Attwalment, l-Eurostat diġà jippreżenta xejriet statistiċi relatati mal-SDGs fl-UE, li fil-biċċa l-kbira huma bbażati fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni għadha ma tirrapportax dwar il-kontribut tal-baġit u l-politiki tal-UE favur l-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli. L-unika eċċezzjoni tirrigwarda l-qasam tal-azzjoni esterna, fejn il-Kummissjoni qed tadatta s-sistema tagħha ta’ rappurtar dwar il-prestazzjoni lejn is-sostenibbiltà.

F’dan il-kuntest, l-awdituri josservaw li l-UE għad ma għandhiex strateġija dwar l-iżvilupp sostenibbli sal-2030, li tistabbilixxi l-SDGs rilevanti għall-UE, kif ukoll l-oġettivi u l-miri li għandhom jiġu rrapportati. Reċentement, il-Kummissjoni ħadet passi fid-direzzjoni t-tajba u ppubblikat dokument ta’ riflessjoni li jiddeskrivi x-xenarji għal Ewropa sostenibbli. Madankollu, dan id-dokument ma jinkludix analiżi tal-lakuni li tiddetermina l-miżuri l-oħra li l-UE jeħtieġ li tiegħu f’termini tal-baġit, il-politika u l-leġiżlazzjoni; lanqas ma jippreżenta l-kontribut tal-programmi ta’ nfiq tal-UE favur l-implimentazzjoni tal-SDGs.

Sa issa, kien hemm żewġ korpi Ewropej – il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-UE – li ppubblikaw rapporti dwar is-sostenibbiltà. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra tal-UE, l-awdituri sabu li huma jipprovdu prinċipalment informazzjoni dwar il-mod kif it-tmexxija tal-organizzazzjoni tagħhom taffettwa s-sostenibbiltà, bħall-użu li huma jagħmlu mill-karti jew mill-ilma. Madankollu, huma ma jirrapportawx dwar il-mod kif integraw kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fl-ippjanar u fl-istrateġija tagħhom.

L-analiżi tiġbed ukoll l-attenzjoni għall-isfida ppreżentata mill-awditjar tar-rapporti dwar is-sostenibbiltà. L-awdituri jgħidu li r-riskji għas-sostenibbiltà spiss jikkostitwixxu riskji finanzjarji, u għaldaqstant huwa importanti li jittieħed kont tas-sostenibbiltà fit-teħid ta’ deċiżjonijiet. Barra minn hekk, l-aċċertament estern tar-rapporti dwar is-sostenibbiltà jista’ jżid il-kredibbiltà u l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati fl-informazzjoni pprovduta, kif ukoll inaqqas ir-riskju ta’ “greenwashing”, jiġifieri li r-rapporti jintużaw sempliċement bħala eżerċizzji tar-relazzjonijiet pubbliċi.

L-awdituri jidentifikaw erba’ sfidi:

- o il-produzzjoni ta’ strateġija tal-UE dwar is-sostenibbiltà u l-SDGs wara l-2020;
- o l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà u l-SDGs fil-baġit tal-UE u fil-pjanijiet ta’ prestazzjoni;
- o l-iżvilupp tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE;
- o iż-żieda fil-kredibbiltà permezz tal-awditjar.

Noti lill-Edituri

L-obbligi ta’ rappurtar attwali tal-UE taħt id-Direttiva 2014/95 dwar l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà japplikaw għal entitajiet kbar ta’ interess pubbliku. Huma jirrigwardaw madwar 7 400 kumpanija elenkata fil-Borża, banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u entitajiet oħra identifikati mill-Istati Membri – dawn ġeneralment ikunu kumpaniji kbar b’aktar minn 500 impjegat. L-

organizzazzjonijiet jistgħu jippubblikaw informazzjoni bħala rapport awtonomu, bħala parti mir-rapporti finanzjarji jew annwali tagħhom, jew f'forom oħra.

L-analiżi rapida dwar każ speċifiku tal-QEA intitolata “Rappurtar dwar is-sostenibbiltà: rendikont tal-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE” hija disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE. Analiżi rapida dwar każ speċifiku tippreżenta u tistabbilixxi l-fatti li jikkonċernaw kwistjoni jew problema speċifika; din mhijiex rapport tal-awditjar.

Nhar it-Tnejn, is-17 ta' Ġunju fi Brussell, l-awdituri qed jorganizzaw l-ewwel forum ta' livell għoli rigward ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà. Għal aktar informazzjoni, żur is-[sit web tal-QEA](#).